MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 391/2005

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
CLINT ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clint Zammit, ta’ 17-il sena, bin George u Bernardette nee’ Abela, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Dicembru 1988, u residenti 70, Triq Pinto, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 57288(M), u akkuzat talli fil-15 ta’ Dicembru 2005 u fis-sitt xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:
(1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita’

moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(3) aktar talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh, bi ksur tal-Artiklu 22(2)(II) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer saq il-vettura DAR 608 mudell Skoda favorit abjad, minghajr ma kellu licenzja tas-

sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghal riskju lejn terzi.

F'kaz ta' htija, din il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-imputat Clint Zammit milli jkollu jew jottjeni kull tip ta' licenzja tas-sewqan minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena ghal dak il-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali taht l-Artiklu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma, illi l-Pulizija tat-Taqsima tad-Droga kienet irceviet informazzjoni anonima, fis-sens illi l-imputat Clint Zammit kien qed jaghmel kuntatt ma' hafna persuni f'kull hin tal-gurnata fi Triq Pinto, Hal Qormi, u li kien hemm id-droga nvoluta. Ghaldaqstant, il-Pulizija tat-Taqsima ta' kontra d-Droga qeghdu d-dar u l-ambjenti ta' fejn jirrisjedi Clint Zammit, taht osservazzjoni.

Filfatt, il-Pulizija sahansitra permezz ta' 'video clips' ikkonfermat tali nformazzjoni u fil-'video clip', l-imputat kien jidher jaghmel kuntatti ma' diversi persuni, noti fl-ambitu ghall-abbuz tad-droga. Spettur Dennis Theuma xehed illi filfatt il-Pulizija ta' kontra d-Droga kienu regghu qeghdu d-dar u l-ambjenti tal-imputat taht osservazzjoni fil-15 ta' Dicembru 2005, fejn apparti t-traffiku ta' diversi persuni gejjin u sejrin minn hdejn ir-residenza tal-imputat, gie osservat ukoll illi l-imputat, li kien taht l-eta', kien qed isur vettura DAR608 Skoda Favorit. Spettur Theuma kompla jghid illi Clint Zammit, fil-15 ta' Dicembru 2005, kien qieghed taht 'house arrest' impost mill-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta.

Sussegwentement, l-Iskwadra ta’ Kontra l-Vizzju tad-Droga esegwew mandat t’arrest u tfittxija fuq l-imputat u r-residenza tieghu, u fil-kamra tal-imputat gew misjuba diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga eroina. Infatti, gie elevat mizien elettroniku bi tracci ta’ trab kannella fuqu, borza tal-‘plastic’ b’xi trab kannella go fiha, u xi bicciet zghar ta’ sustanza kannella allegatament rezina tal-pjanta cannabis. Gew ukoll elevati xi qratas bil-karti bi tracci ta’ trab kannella fuqhom, li dehru li kienu mehuda minn pitazz, u zewg pitazzi b’xi parti tal-pagni neqsin, u wkoll xi qratas tal-‘plastic’. Minn fuq il-persuna tal-imputat, imbaghad gew elevati mija u hames Liri Maltin (Lm105), **illi wara nvestigazzjonijiet irrizulta li ma kinux provenjenti mid-droga izda gew mghoddija lura lil omm u missier l-imputat**.

L-imputat sussegwentement, irrilaxxa stqarrija taht is-solitu twissija, fil-prezenza ta’ PS 114 Massimiliano Persiano. F’din l-istqarrija, l-imputat ammetta li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-‘house arrest’ imposti fuqu mill-Magistrat Dr Lofaro, ammetta li kellu l-vizzju tad-droga eroina, ammetta wkoll illi l-eroina u r-raza tal-pjanta tal-cannabis misjuba fir-residenza 70, Pinto Street, Qormi kienu tieghu. In oltre, l-imputat ammetta li kien imur id-Detox u li kien jixtri madwar tlettax-il Lira Maltin (Lm13) droga eroina kuljum, u li mbaghad dik id-droga kien jizinha b’mizien elettroniku (elevat mill-Pulizija), biex jiccekja illi nghata d-droga daqs kemm hallas, u din id-droga kien jaqsamha f’erbat iqratas, juza’ l-karti tal-pitazz ta’ ohtu z-zghira biex imbaghad ikun jista’ jzomm ghalih u jaghti wkoll lil shabu.

**Spettur Dennis Theuma xehed illi l-imputat, in effett, ma kkoperax mal-Pulizija ghal dak li jirrigwardja l-izvelar tas-sors minn fejn kien igib l-eroina**. L-istqarrija tal-imputat giet esebita bhala dokument DT. Il-borza tal-‘plastic’ allegatament kontenenti droga eroina u bicca raza tal-cannabis giet esebita bhala l-esebit DT2. Gew esebiti wkoll zewg pitazzi dokumenti DT3, kaxxa tac-CD bi tracci ta’ sustanza kannella allegatament droga eroina u dokument DT4 ‘mobile phone’ tal-marka Sagem X5M,

waqt illi dokument DT5 kienu diversi bicciet tal-karti u partijiet minn qratas.

Fl-istqarrija tieghu dokument DT a fol 17, l-imputat xehed is-segwenti:

**‘Mistoqsija: Bejn wiehed u iehor kemm jigu nies jinqdew minn ghandek kuljum?**
**Risposta: Nghid li jigu madwar zewgt ihbieb kuljum jistaqsuni jekk ghandix eroina u jekk ikolli ntihom, daqqa bla flus u kif diga’ qedt meta nkun dahri mal-hajt ikolli nzomm xi haga tal-flus halli nkun nista’ nmantni l-vizzju tieghi.’**

Aktar tard fl-istqarrija tieghu, l-imputat Zammit jghid is-segwenti:

**‘Le mhux qed nghid li mhux veru imma skond, kif cioe’ jigu fuqi shabi mkissrin, jew jitolbuni bil-hniena biex infejjaqhom, u jien qalbi zghira u nipprova nghinhom milli jkolli.’**

PS 1355, a fol 19 et seq, ipprezenta ‘video’ dokument DT6, migbud minnu personalment fl-14 u l-15 ta’ Dicembru 2005, waqt osservazzjoni gewwa 70, Pinto Street, Qormi, fuq ir-residenza ta’ Clint Zammit. PS Purshous, xehed illi waqt li kienu qed jaghmlu l-osservazzjoni fuq id-dar tal-imputat, l-istess imputat ghamel kuntatt ma’ diversi nies li huma maghrufa mal-Iskwadra ta’ kontra d-Droga, u ndika certu mossi li jitfghu suspett kbir li dan kien qed ibiegh id-droga, bhal per ezempju, **beda jinzel ikellem lil shabu, dawn ituh xi haga u huwa jitla’ ‘l fuq u jerga’ jinzel u jaghti lilhom xi haga hu.** PS 1355 ikkonferma illi huwa ra lill-imputat hiereg mid-dar meta dan kien taht ‘house arrest’, u rikeb il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni DAR 609, Skoda bajda, u ghamel hin twil barra biha.

In kontro ezami, PS 1355 xehed illi f’hin minnhom u waqt l-osservazzjoni fl-14 ta’ Dicembru 2005, **ra lil Clint Zammit jaghti borza lil persuna, borza suspettata kontenenti xi droga mill-esperjenza taghhom, u**

**kkonferma li din il-borza kienet trasparenti. Xehed pero' illi ma kienx cert fuq il-kontenut taghha.**

PS 179 Antoine Micallef xehed illi fil-15 ta' Dicembru 2005 huwa kien gie moghti struzzjonijiet biex jesegwixxi tfittxija fir-residenza tal-imputat f'70, Triq Pinto, Hal Qormi. Mill-kamra tas-sodda, PS 179 eleva qartas tal-'plastic' bi trab kannella, bicca raza tal-cannabis, mizien li kien imcappas bi trab kannella, kaxxa ta' CD li fuqha kien hemm ftit trab kannella, pitazz u xi 'plastic' imqatta'. PS 179 Micallef ikkonferma l-esebit DT1-DT5, u kkonferma wkoll illi l-'mobile phone' X5M kien gie elevat minn fuq il-persuna tal-imputat Clint Zammit.

PC 10 Trevor Cassar Mallia kkonferma illi huwa kien qed jaghmel osservazzjonijiet fid-dar tal-imputat flimkien ma' PS 1355. Illi aktar tard filfatt huma arrestaw lill-imputat wara li nhariglu mandat mahrug mill-Magistrat tal-Ghassa. Ikkonferma l-oggetti li gew elevati mir-residenza tal-imputat, u cioe' dokumenti DT1-DT5 fuq indikati, u gharaf lill-imputat.

Spizjar Mario Mifsudipprezenta r-relazzjoni tieghu dokument MM li tinstab a fol 30, u wasal ghall-konkluzjoni li kien hemm 'mechanical fit' bejn il-bicciet tal-karti li kien hemm f'dokument 30602 u 5 rispettivament fil-faccata ta' zewg pitazzi, illi l-blokka zghira elevata mill-kamra tas-sodda tal-imputat filfatt kienet 1.18 grams sustanza tar-raza tal-**cannabis**, waqt illi nstabu tracci ta' **kokajina** fuq bicca tal-'plastic' zghira trasparenti li hemm dokument 0030605. Instabu wkoll tracci tal-**eroina** fuq il-mizien elettroniku 0030601.

PS 1355 ipprezenta dokumenti PS1 u PS2, il'videos' originali tal-osservazzjonijiet li saru mill-Iskwadra ta' kontra l-Vizzju tad-Droga li twettqu fl-14 u l-15 ta' Dicembru 2005.

Christopher Darmanin, a fol 55, rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi, ikkonferma illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAR 608 tal-ghamla Skoda Favorit ta' kulur abjad, tghajjat lil Ivan Galea, ID

576074(M), u li l-licenzja giet imhallsa sal-ahhar t'April 2006. Ikkonferma wkoll illi l-imputat Zammit, bin-numru tal-identita' 572888(M), ma kellux licenzja tas-sewqan.

PS 516 Alfio Borg esebixxa l-konverzjoni f'mini DVD's li gie mmarkat bhala AB1.

A fol 68, Spizjar Mario Mifsud esebixxa t-tieni relazzjoni tieghu dokument MMX fejn wasal ghall-konkluzjoni li l-bicca karta li hemm f'dokument 0030602 kellha l-istess karatteristici fizici u kimici tal-faccata tal-pitazz li kien miksi bi 'brown paper' li hemm f'dokument 000602. Ir-relazzjoni tieghu giet immarkata bhala dokument MMX.

A fol 74, il-Perit Valerio Schembri kkonferma illi l-iskola Primarja ta' Hal Qormi **tinstab f'distanza ta' hamsa u tmenin punt tnejn (85.2) metri** u ghaldaqstant, inqas minn mitt (100) metru boghod mir-residenza tal-imputat (ara dokument VS a fol 75 et seq tal-process).

A fol 83 tal-process, PS 114 Massimiliano Persiano kkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat Zammit, u l-firem fuq l-istess stqarrija.

A fol 99 et seq, l-imputat Clint Zammit xehed illi huwa kellu sbatax-il sena, u xehed illi dakinhar li saru l-osservazzjonijiet mill-Pulizija, huwa kien qieghed taht 'house arrest' u minhabba illi ommu ma thallihx idahhal nies id-dar, huwa kien qieghed jitkellem maghhom wara l-bieb. Mitlub jghid ghaliex huwa tbieghed minn quddiem l-ghatba tad-dar tieghu, l-imputat Zammit xehed illi kien talab lill-habib tieghu biex iwasslu u meta l-habib tieghu ma setax, qabad il-vettura u mar huwa stess. L-imputat (sabiex jaghmel qadja ghal missieru) stqarr li huwa kien mar sa G'Mangia biex jixtri dawn il-'parts' u rega' gie lura. Xehed ukoll illi huwa kien qed jitkellem ma' xi nies li kienu jigu d-dar pero' ma kienx idahhalhom gewwa.

Mitlub mid-Difiza jghid '**affarijiet ohra lil dawn in-nies tajthom?'**, ir-risposta tal-imputat Zammit kienet **'le, le'**. L-imputat in kontro ezami, jammetti li huwa ma kellux permess johrog mill-ghatba 'l barra, u lanqas ma kellu

permess li jsuq il-karozza ghaliex ma kellux licenzja (ara xhieda a fol 100).

B'referenza ghall-filmat, l-imputat jghid illi d-diversi persuni li gew ikellmuh li jidhru fil-'video' ma kinux dawk il-persuni li huwa kien "jghin" bhalma semma' fl-istqarrija. A fol 103, l-imputat stqarr li huwa ma kienx jitlob flus lil shabu ghad-droga, izda li kienu **jixxerjaw 'daqqa jkollu hu u daqqa jkolli jiena'** (ara fol 103).

A fol 104, l-imputat stqarr illi l-mizien elettroniku kien juzah ghalih personali biex jassigura illi minghand min kien jixtri d-droga ma kienx qieghed jittradih fil-piz. L-imputat xtaq jikkjarifika l-istqarrija tieghu, u a fol 104, sostna illi **'jien nixxerja kont mhux inbiegh, nixxerja kont qed tifhimni, dak li jigifieri nixtieq'**.

Ikkunsidrat:-

Wara li l-Qorti gharblet x-xhieda kollha tal-kaz in ezami, hi tal-fehma illi l-verzjoni moghtija mill-imputat a tempo vergine hija dik li hija kredibbli u ghandha mis-sewwa. Illi l-imputat Clint Zammit, kif ammetta huwa stess fl-istqarrija tieghu, kien ibiegh id-droga eroina lil shabu meta kien ikun maghfus fil-flus, u kien iqassam id-droga eroina b'xejn meta kien ihossu finanzjarjament b'sahhtu. Din il-Qorti hi tal-fehma illi d-'disclaimer' tal-imputat, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, mhi xejn altru hlief attentat dghajjef sabiex l-imputat jipprova jiskolpa lilu nnifsu. Din il-Qorti waslet ghal tali konkluzjoni wara li qieset u gharblet l-agir u l-ghemil tal-imputat waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda, skond insenjament tal-Artiklu 637 tal-Kodici Kriminali, fejn kienet evidenti illi l-imputat ghamel attentat fjakk biex jipperswadi lill-Qorti li ma kienx minnu li kien ibiegh id-droga.

Illi apparti l-ammissjoni tieghu fl-istqarrij (a tempo vergine), din il-Qorti ghandha xhieda rrifjutabbli tal-involviment tal-imputat fil-hajja tad-droga, minn dak kollu li gie elevat mid-dar tal-imputat, inkluz il-mizien u s-'sachets' bi tracci ta' droga kif jirrizulta mix-xhieda tas-Scene of Crime Officers, il-Pulizija tat-Taqsima tad-Drogi li wettqu t-

tfittxija fid-dar tal-imputat, kif ukoll mill-ispizjar Mario Mifsud li ghamel l-analizi u sab li effettivament kien hemm id-droga eroina u kokajina prezenti, apparti r-raza tal-cannabis.

Illi x-xhieda kardinali pero' illi l-Prosekuzzjoni rredigiet f'dan il-kaz, jitkellem ghalih innifsu, u dan huwa l-'video' mehud fl-14 u l-15 ta' Dicembru 2005, l-esebit DT6 li jinstab a fol 23 tal-process, illi juri lill-imputat fuq l-ghatba tad-dar residenzjali tieghu, diehel u hiereg minn din ir-residenza, u jidher jaghmel hafna kuntatti ma' diversi nies u jidher illi dawn in-nies qeghdin jikkonsinjaw xi haga lill-imputat li mbaghad jidhol fid-dar tieghu u wara ftit jerga' jidher johrog jaghti xi haga mill-istess nies li jkun diga' rcieva xi haga. Dan il-'video' filfatt juri sensiela ta' dawn l-azzjonijiet ma' diversi nies, apparti l-fatt li juri lill-imputat li suppost qieghed taht 'house arrest' johrog mid-dar tieghu b'mod ripetut, u mbaghad sahansitra jidhol gol-karozza msemmija u ndikata fic-citazzjoni, u jitlaq isuq biha u jidher jerga' jirritorna wara xi hin.

Illi ghaldaqstant, zgur li ma tistax tigi milqugha d-Difiza tal-imputat, ghar-raguni li fl-istqarrija tieghu u waqt ix-xhieda tieghu, m'hemmx indikazzjoni ta' data specifika ghal meta sar is-'sharing' da parti tal-imputat. Il-'video' l-esebit DT6 jikkristallizza dak li kien qed jaghmel l-imputat go 'time frame' b'mod irrifjutabbli, apparti illi l-istqarrija tal-imputat, infatti, hija marbuta mar-'raid' li ghamlu l-Pulizija fid-dar tal-imputat (ara fol 17 tal-process).

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti rat u ezaminat ukoll l-insenjament moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija vs Adrian Montebello et, deciza fit-18 ta' Jannar 2001 per Onor. Vincent De Geatano, u ma' tista' bl-ebda mod tafferma illi l-fatti speci li taw lok ghal dik is-sentenza, b'xi mod jaqblu ma', jew jinkwadraw, il-fatti illi gew ippruvati f'dan il-kaz.

Illi kif tajjeb irritenew il-Qrati taghna, u skond gurisprudenza ormai pacifika:

*‘Biex ikun hemm is-‘sharing’, li jammonta ghal traffikar, bizzejjed li wiehed ikollu d-droga u jaqsamha ma’ xi hadd, jew jippermetti lil haddiehor li juza’ minnha anke minghajr hlas jew korrispettiva.’ (ara Appell Kriminali Il-Pulizija vs Martin Cachia, deciza fis-26 t’Awissu 1998; Il-Pulizija vs Martin Pirotta deciza fil-15 ta’ Dicembru 1998; Il-Pulizija vs David Gatt deciza fil-11 t’April 2002).*

Hekk ukoll gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il-Pulizija Spt Nicholas Ciappara vs Ommissis Malcolm Martin, deciza fl-4 ta’ Novembru 2004. Infatti, fis-sentenza moghtija mill-Appell Kriminali, Il-Pulizija Supretendent Neil Harrison et vs Claire Farrugia, deciza fis-17 ta’ Marzu 2005, apparti illi gie ri-affermat fuq espost, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid:

*‘Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu u mbaghad jaqsamha ma’ jew jikkonsenjaha lil haddiehor.’*

Illi ghaldaqstant, mehud in konsiderazzjoni l-fatti li gew ippruvati mill-Prosekuzzjoni, u tenut kont tal-gurisprudenza kostanti tal-pajjiz, huwa evidenti illi l-imputat Clint Zammit, minkejja l-eta’ tenera tieghu, fid-data, lok u hin citat fl-akkuza, kien qieghed jittraffika d-droga eroina, u dan minn lokalita’ li huwa f’distanza ta’ inqas minn mitt (100) metru minn skola.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat Clint Zammit hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba’ u l-hames akkuza, b’assorbiment tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikli 8, 9, 22(2)(b), l-ewwel parti tal-ewwel Schedule tal-Kap 101, Artiklu 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso li jsegwi wara dan l-imsemmi Artiklu tal-Kap 101, Artiklu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artiklu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artiklu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel f’arrest preventiv. In oltre, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ erba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm450), waqt illi tiskwalifika lill-imputat milli jottjeni jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

Din il-Qorti qed takkorda din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat kien taht it-tmintax-il sena meta kkommetta dan ir-reat, il-fatt illi huwa ‘a first offender’, il-ammont zghir ta’ droga li nstab fil-pussess tal-imputat, u l-fatt illi l-imputat ma kienx jikkwalifika mit-tnaqqis tal-piena ai termini tal-Artiklu 29 tal-Kap 101.

Il-Qorti tirrakkomanda, in oltre, lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin illi l-imputat jitqieghed fi program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-drogi, fi hdan l-istess Facilita’, u ghal dan il-ghan, tordna kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-istess Facilita’.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------